## Min jista' jirreferi tfal lejn dan is-servizz?



Rapport dwar abbuż jista' jsir minn kulħadd, mhux bilfors mill-vittma stess. Kull min jaf b'xi abbuż jista' jikkuntattja lill-Aġenzija Appoġġ u jirreferi lil dawn il-minuri għas-servizzi. Referenzi jistgħu jaslu wkoll mingħand professjonisti bħal għalliema, ħaddiema fi sptarijiet u ċentri tas-saħħa, mill-Pulizija u mill-Qrati.

## X'għandu jagħmel wieħed li jkun jaf b'xi abbuż?

Wieħed jista' jikkuntattja lill-Aġenzija Appoġġ fuq in-numru 2295 9000 u minn hemm jingħata aktar informazzjoni, jew inkella Supportline 179 li hija miftuħa 24 siegħa kuljum.







## Min jirreferi jrid bilfors jagħti ismu?

Il-persuna li tkun qed tirreferi xi każ lil dan is-servizz tista' tibqa' anonima. Madanakollu, dejjem ikun aħjar li l-professjonisti fi ħdan is-Servizz għall-Ħarsien tat-Tfal ikunu jafu l-identità tal-persuna sabiex l-istħarriġ li jkun hemm bżonn, isir komplet. Meta l-persuna li qed tirreferi tagħżel li tgħid min hi, din xorta tista' tibqa' anonima għall-persuna li, allegatament, tkun wettqet l-abbuż.

Il-protezzjoni tat-tfal hi r-responsabbiltà ta' kulħadd.

Huwa dritt tat-tfal li jgħixu mingħajr abbuż u f'ambjent sikur.


**Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali**
Tel: (+356) 2388 5000 • Fax: (+356) 2144 1029

li tinkorpora

**Aġenzija APPOĠĠ**
36, Triq San Luqa, Gwardamangia
Tel: (+356) 2295 9000 • Fax: (+356) 2122 5354
www.appogg.gov.mt

**Aġenzija SEDQA**
Tel: (+356) 2388 5110 • Fax: (+356) 2388 5242
www.sedqa.gov.mt

**Aġenzija SAPPORT**
Tel: (+356) 2145 1868 • Fax: (+356) 2145 3164
www.sapport.gov.mt




# Ħarsien tat-Tfal

Servizz li jassigura li t-tfal ikunu protetti minn kull abbuż u li jgħixu f'ambjent li jħares l-iżvilupp tagħhom

APPOĠĠ
Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità

www.appogg.gov.mt

## F’hiex jikkonsisti s-Servizz għall-Ħarsien tat-Tfal?

Dan is-servizz hu ta’ natura investigattiva, fejn social workers jiġbru l-informazzjoni kollha neċessarja wara li l-Aġenzija Appoġġ  tirċievi rapporti li tfal ikunu qed jiġu abbużati jew jinsabu f’riskju ta’ abbuż.



It-tim li jaħdem fis-Servizz għall-Ħarsien tat-Tfal hu magħmul minn professjonisti u nies imħarrġa f’dan il-qasam speċjalizzat ta’ protezzjoni tat-tfal. Permezz ta’ tekniki speċjalizzati, dawn il-professjonisti jistabbilixxu relazzjoni b’saħħitha mat-tfal involuti. Dan jgħin sabiex ikunu t-tfal stess li jiftħu qalbhom dwar dak li jkunu għaddew minnu.









## X’inhuma l-għanijiet ta’ dan is-servizz?

Is-servizz iħares id-drittijiet tat-tfal, speċjalment id-dritt li jgħixu f’ambjent li jgħinhom jikbru u jiżviluppaw ‘il bogħod minn kull tip ta’ abbuż. Barra minn hekk, dan is-servizz jaħdem ukoll biex fejn qed isir abbuż fuq tfal, dan jieqaf. It-tfal u l-familji tagħhom jingħataw l-appoġġ meħtieġ, u f’każ li jkun hemm bżonn, dawn ikunu referuti għal servizzi oħra, bħal terapija u għajnuna psikoloġika.



## Liema tfal jistgħu jagħmlu użu minn dan is-servizz?

Dan is-servizz joffri protezzjoni lil tfal u adoloxxenti vulnerabbli li għandhom taħt it-tmintax-il sena, li esperjenzaw jew huma f’riskju ta’ abbuż.

## X’inhu abbuż tat-tfal?

Abbuż jista’ jieħu diversi forom, fosthom vjolenza fiżika, abbuż emozzjonali u psikoloġiku, abbuż sesswali, kif ukoll negliġenza u traskuraġni tal-minuri. M’hemm tolleranza għall-ebda tip ta’ abbuż u l-ebda grad ta’ abbuż mhu aċċettat. Dan jinkludi wkoll kastig fiżiku bħala forma ta’ korrezzjoni.

Abbuż jista’ jseħħ ukoll permezz tal-internet u teknoloġji oħra bħalma hu l-mowbajl. Eżempji huma meta t-tfal ikunu esposti għal ritratti jew vidjows indiċenti ta’ persuni jew tfal oħra. Dawn jinkludu attivitajiet indiċenti. Meta adulti jiċċettjaw ma’ tfal, biex isiru ħbieb tagħhom jiksbu l-fiduċja tagħhom bi skop li jwettqu l-abbuż. Dan jista’ jiġri sew meta l-adulti jkunu jafu lit-tfal, kif ukoll meta l-adulti jaħbu l-identità tagħhom u jġibu ruħhom ta’ tfal tamparhom biex jagħmlu ħbieb magħhom. Jista’ jsir ukoll bullying u theddid fuq l-internet, bi kliem jew bi stampi mhux xierqa li jdejqu lit-tfal.





## X’jiġri f’każ li jkun hemm abbuż?

Meta tinġabar l-informazzjoni kollha u jkun deċiż li l-abbuż ikun seħħ tassew jew għadu jseħħ, jitħejja pjan li jkun dejjem wieħed li jassigura l-aħjar interessi tal-minuri u li dawn ma ssirilhomx aktar ħsara. Kull każ huwa individwali però s-sigurtà tat-tfal dejjem tingħata prijorità.

Isir ukoll xogħol mal-membri tal-familja tal-minuri billi jkunu ggwidati x’għandu jsir fl-aħjar interess tat-tfal involuti. Meta l-aggressur ikun membru tal-familja stess, issir ħidma ma’ din il-persuna sabiex jieqaf l-abbuż.

Is-Servizz għall-Ħarsien tat-Tfal jikkunsidra t-trawma li jkunu għaddejin minnha dawn il-minuri u l-pjan ta’ sapport li jitħejja jkun jinkludi dejjem dak li hu fl-aħjar interess tagħhom, inkluż li jibqgħu jgħixu d-dar mal-familja tagħhom meta jkun possibbli.